*- Ordni tal-Iffriżar – leġittimita` -proporzjonalita`*
*-rimedji ordinarji disponibbli*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 7 ta' Frar 2023**

**Rikors Nru. 61/2022 GM**

**Yorgen Fenech**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Yorgen Fenech li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Fit-30 ta' Novembru, 2019, l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja imputat b'diversi reati, fosthom, kompliċita' f'omiċidju volontarju;

2. Dakinhar il-prosekuzzjoni talbet għal Ordni ta' Iffriżar fit-termini tal-Artiklu 23A tal-Kodiċi Kriminali liema Ordni ġiet milqugħa mill-Qorti fl-istess ġurnata;

3. Nhar it-18 ta' Awwissu, 2021 l-Avukat Ġenerali ppreżenta l-Att t'Akkuża 17/2021 kontra l-esponent fejn akkużah taħt żewġ kapijiet ta' akkuża. L-ewwel kap jikkonsisti fir-reat ta' komplicita' f'omiċidju volontarju filwaqt li t-tieni kap jikkonsisti fir-reat tal-assoċjazzjoni biex jitwettaq id-delitt ta' omiċidju volontarju;

4. La mill-provi miġbura fil-kumpilazzjoni u lanqas mill-parti narrattiva taż-żewż kapijiet ta' akkuża ma' tirriżulta xi proprjeta' jew flejjes provenjenti mill-allegata attivita' kriminali mertu tal-proċeduri kriminali kontra l-esponent;

5. Huwa paċifiku li l-għan wara ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar huwa sabiex iżomm lil persuna mixlija bil-kummissjoni ta' reat rilevanti milli tiddisponi minn dawk il-flejjes jew proprjeta' li l-provenjanza u l-użu ta' l-istess tkun ġejja minn attivita' kriminali. [1] Dan kollu neċessarjament iservi sabiex eventwalment, kemm-il darba jkun hemm sejbin ta' ħtija, il-proprjeta' jew flejjes rikavat minn xi attivita' kriminali tkun tista' tiġi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta;

6. Kemm mill-provi *prima facie* miġbura fl-Istruttorja, kif ukoll mill-kumplament tal-provi miġbura permezz tar-rinviji tal-Avukat Ġenerali, ma hemm ebda proprjeta' jew flejjes provenjenti mill-allegata attivita' kriminali mertu tal-proċeduri kriminali kontra l-esponent. Bl-ikbar rispett, l-Ordni ta' Iffriżar ma qiegħda tikkonsegwi ebda għan leġittimu ħlief li kienet, għadha u tibqa' tikkawża preġudizzju irrimedjabbli għall-esponent. Għaldaqstant, din l-Ordni – li hija waħda ta' natura kawtelatorja sabiex ir-rikavat minn attivita` kriminali ma jiġix sparpaljat – hija altament sproporzjonata u addirittura mhux neċessarja;

7. Fit-tieni lok, bis-saħħa tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta l-Prosekuzzjoni tista' titlob għal Ordni ta' Iffriżar kull meta takkuża lil xi ħadd b'reat relevanti (reati ta' natura volontarja li jiskorri sena priġunerija) jew bir-reat ta' *money laundering*. Meta wieħed iqis li hija l-Prosekuzzjoni stess li tagħżel biex takkuża bniedem flimkien mal-fatt li l-Liġi ma toffri l-ebda rimedju jew mekkaniżmu sabiex bniedem effetwat jikkontesta l-Ordni ta' Iffriżar mitluba mill-Prosekuzzjoni u debitament imposta mill-Qorti, huwa minnu nnifsu leżiv tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq;

8. L-esponent għaldaqstant jemmen li qiegħed jsofri leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu sanċit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[1] Prim Awla Qorti Civili (sede kostituzzjonali) Angelo Zahra vs Avukat Ġenerali deċiża 22 ta' Ottubru, 2019.

Talab lil din il-Qorti sabiex :

i. Tiddikjara li l-Artikolu 23A Kapitolu 9 jew l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrux rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni effettwati biex jitolbu l-Qorti ta' setgħa ordinarja tirrevoka Ordni magħmula taħt dawn l-Artikoli;

ii. Tiddikjara li konsegwentament l-esponent sofra leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Tiddikjara li l-esponent sofra leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-Ordni ta' Iffriżar ma qiegħda sservi ebda għan leġittimu ħlief li tinfliġġi fuqu preġudizzju irrimedjabbli u sproporzjonat;

iv. Tannulla, tirrevoka jew tħassar l-Ordni ta' Iffriżar imposta mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja nhar it-30 ta' Novembru, 2019;

v. Tieħu dawk il-provvedimenti u takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-esponent.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. In suċċint, fil-proċeduri kriminali (kumpilazzjoni nru. 720/2019 / Att t'Akkuża 17/2021) ir-rikorrent Yorgen Fenech huwa akkużat b'kompliċita' fl-omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia u b'assoċjazzjoni ma' persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta, u qiegħed jilmenta mill-fatt li nħareġ Ordni tal-Iffriżar tal-Assi fit-30 ta' Novembru 2019 fil-konfront tiegħu. Jgħid li tali Ordni huwa sporporzjonat u mhux neċessarju għax skont hu, "*la mill-provi miġbura fil-kumpilazzjoni u lanqas mill-parti narrattiva ta' żewġ kapijiet ta' akkuża ma tirriżulta xi proprjeta' jew flejjes provenjenti mill-allegata attivita' kriminali mertu tal-proċeduri kriminali*";

2. Ir-rikorrent qiegħed jallega li l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 jew l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 ma joffrix **rimedju ordinarju** sabiex l-Ordni tal-Iffriżar jiġi rrevokat. Konsegwentament jallega li qiegħed issofri minn ksur tad-dritt ta' **smigħ xieraq** skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u minn ksur għat-**tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu** skont Artikolu 37 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. L-esponent qiegħed *tramite* din ir-risposta jirrispinġi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom *stante* li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Ibda biex, l-esponent, b'referenza għal premessa tar-rikorrent illi "*ma tirriżulta xi proprjeta' jew flejjes provenjenti mill-allegata attivita' kriminali mertu tal-proċeduri kriminali*", jiġi rilevat illi l-qligħ jew gwadann li tista' tagħmel persuna minn 'reat rilevanti' mhux neċessarjament jiġi kkwantifikat fi ħlas *per se*. Mingħajr ma l-esponent jidħol fil-mertu tal-kawża kriminali li fiha r-rikorrent jinsab akkużat, jekk bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia r-rikorrent għamel xi forma ta' gwadann jew aċċerta ruħu li jkompli jagħmel xi forma ta' gwadann, allura dan jista' jiġi meqjus bħala 'qligħ' provenjenti minn dik l-attivita' kriminali;

5. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, **l-ordinament ġuridiku penali Malti jipprovdi li meta persuna tħossha aggravata minn deċiżjoni tal-qorti tal-ewwel istanza dwar il-Ħruġ ta' Ordni tal-Iffriżar, tista' a tenur tal-Artikolu 23A subinċiż 5 tal-Kap 9, tikkontesta u titlob ir-revoka tal-Ħruġ tal-Ordni ta' l-Iffriżar fi żmien tlett ijiem mid-data ta' meta saret l-Ordni** quddiem il-Qorti Kriminali. Jekk ir-rikorrent utilizżax dan ir-rimedju *o meno* hija kwistjoni oħra. Apparti minn hekk, fi kwalunkwe stadju matul il-proċeduri l-akkużat jista' jitlob varjazzjoni tal-Ordni tal-Iffriżar. Ir-rikorrent kellu dan ir-rimedju, użah u rnexxilu jikkonvinċi lill-Qorti tal-Maġistrati biex tvarja l-Ordni tal-Iffriżar. Il-Leġislatur bl-ebda mod ma ppreġudika d-drittijiet tar-rikorrent meta waqaf milli jagħti rimedji ulterjuri. Il-Leġislatur għandu kull dritt jiddeċiedi u joħloq parametri kif wara kollox dejjem jagħmel biex jiddetermina sa fejn persuna tista' tibqa' tirriproponi l-ilment tagħha. Il-fatt li r-rikorrent ma huwiex sodisfatt għax jagħti l-każ li ma utlizżax ir-rimedji kollha għad-dispożizzjoni tiegħu fi żmien propizju, ma jfissirx li l-provvedimenti tal-Kap 9 jew tal-Kap 373 huma mankanti. Ma jfissirx li l-Istat jew xi organu tiegħu naqas milli jagħti smigħ xieraq lir-rikorrent u/jew milli jagħtih rimedju effettiv;

6. L-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li '*kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*'. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponent jirrileva illi ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod jista' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

7. F'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri kollha qegħdin jinżammu u jiġu determinati minn qorti ndipendenti u mparzjali; (b) ir-

rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-preżenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet huma trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunità *kollha biex* jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) r-rikorrent huwa megħjun minn avukati tal-fiduċja tiegħu matul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;

8. Għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas tar-rimedju ordinarju fil-liġi biex jirrevoka l-Ordni tal-Iffriżar huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni** Ewropea, l-esponent jeċċepixxi illi r-rikorrent mhux qiegħed iġġarrab preġudizzju fil-proċeduri tiegħu. Tant huwa hekk li huwa kellu l-jedd mogħti lilu mil-liġi penali| senjatament **mill-Artikolu 23A subinċiż 5 tal-Kap 9, biex jikkontesta l-Ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar fi żmien tlett ijiem mid-data ta' meta saret l-Ordni, u jitlob ir-revoka tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali.** Kif diġa' ntqal jekk huwa għamilx użu minn dan il-jedd *o meno* hija ħaġa oħra. Apparti minn hekk, fi kwalunkwe ħin matul il-proċeduri jista' jitlob varjazzjoni. Ir-rikorrent għamel talba għal varjazzjoni li ntlaqgħet. Fil-fatt ir-rikorrent irnexxilu jottjeni varjazzjoni fis-sens illi xi assi minn tiegħu li kienu maqbuda bl-Ordni tal-Iffriżar ġew esklużi minn tali Ordni. Għalhekk meta wieħed iqis il-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu, ma jirriżultax li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq, u dana, fost l-oħrajn, minħabba l-fatt waħdu li huwa kellu l-opportunita' kollha sabiex jitlob ir-revoka tal-Ordni quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien tlett ijiem mill-ħruġ ta' tali Ordni, u jitlob għat-tnaqqis tal-ammont iffriżat fi kwalunkwe stadju matul il-smigħ tal-kawża;

9. F'dan il-kuntest, l-intimat formalment jeċċepixxi illi t-talba għall-iffriżar tal-proprjeta' hija prerogattiva tal-prosekuzzjoni u aktar minn hekk hija meħtieġa tassativament bil-liġi kemm-il darba persuna, bħar-rikorrent odjern jiġi akkużat b'reati relevanti. Il-mekkaniżmu ta' kif tintlaqa' mill-Qorti huwa sanċit fil-Kodiċi Kriminali. Ir-rikorrent ma ġiex mixli b'reati kwalsiasi. L-imputazzjonijiet addebitati lir-rikorrent huma ta' natura serja b'indoli finanzjarji u l-Kodiċi Kriminali, senjatament l-Artikolu 23A(1) jikklassifikahom bħala reati rilevanti. A tenur tal-artikolu 23A(1) tal-Kodiċi Kriminali, reat rilevanti huwa reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja u li jġorr miegħu piena ta' sena priġunerija jew iktar. F'dan id-dawl, jidher ċar li l-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta joffri l-bażi legali għat-talba għal ħruġ ta' Ordni tal-Iffriżar, u jagħti l-awtorita' lill-ġudikant sabiex jimblokka l-proprjeta' tal-akkużat sakemm ikun hemm sentenza finali fil-konfront tiegħu;

10. **L-Uffiċjali Prosekuturi li kkonduċew l-investigazzjonijiet kellhom kull jedd u obbligu biex fil-preżentata jitolbu Ordni tal-Ifriżżar ladarba r-reati kienu reati rilevanti.** L-Ordni tal-Iffriżar tintalab meta l-Prosekuturi ikollhom *a reasonable cause to suspect* li persuna hija ħatja ta' reat rilevanti, u li kieku ma kellux *a reasonable cause to suspect*, huma ma kienux iressqu lir-rikorrent quddiem il-Qorti Istruttorja biex jiġi ġġudikat. Kieku ma kienx hemm ħjiel raġonevoli fuq xiex issejsu *reasonable cause to suspect* ma kienux itellgħu provi li jikkonvinċu lill-Qorti Istruttorja biex

toħroġ id-digriet *prima facie. Di piu'* meta l-Prosekuturi talbu l-imblukkar tal-proprjeta' tar-rikorrent, il-Qorti kellha s-setgħa tilqa' t-talba jew tiċħadha u minflok tagħmel ordni temporanja a tenur ta' l-artikolu 23A (3) tal-Kap 9. Il-Liġi penali nostrana tagħti l-prerogattiva lill-ġudikant sabiex jiddeċidi x'inhu għaqli li jsir fiċ-ċirkostanzi;

11. F'dan il-kuntest, ir-rikorrent ma jgħidx sew illi *"l-Ordni tal-Ifriżżar ma qiegħda tikkonsegwi ebda għan leġittimu ħlief li kienet, għadha u tibqa' tikkawża preġudizzju rrimedjabbli"*. **Ordni tal-Ifriżżar ma hijiex piena iżda miżura kawtelatorja.** L-iskop ta' Ordni tal-Iffriżar huwa biex il-flejjes kollha (għajr €13,976.24 kull sena) u l-mobbli dovuti lir-rikorrent jew li jappartjenu lill-akkużat u li jinsabu f'idejn terzi jiġu ffriżati. L-iskop ta' Ordni tal-Iffriżar hija li tipprojbixxi lill-akkużat milli jitrasferixxi, jippleġġja jew jippoteka jew jiddisponi b'xi mod ieħor mill-proprjeta' mobbli jew immobbli tiegħu;

12. Fil-każ tar-rikorrent b'digriet datat 18 ta' Ġunju 2020 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, il-Qorti awtorizżat illi tirrevoka *in parte* l-Ordni tal-Iffriżar datat 30 ta' Novembru 2019 sabiex l-ishma u l-proprjeta' mmobbli li ġew akkwistati minn Yorgen Fenech permezz ta' devoluzzjoni *causa mortis* ma jibqgħux jiġu affettwati minn l-Ordni tal-Iffriżar;

13. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq **l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, għandu jingħad li skont il-***proviso*** ta' dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jipromulga dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' fl-interess ġenerali. F'dan is-sens l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika u jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa. Sewwasew fil-każ odjern: (i) hemm għan leġittimu li joħroġ mil-liġi, senjatament mill-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u (ii) huwa fl-interess ġenerali għax huwa maħsub biex matul il-proċeduri l-akkużat ma jiddisponix mill-assi tiegħu, u biex wara li jingħata *due process* u meta u jekk ikun hemm sentenza aħħarija ta' ħtija, il-ħati ma jgawdix minn frott mhux mistħoqq. B'hekk, l-esponent ma jarax kif ir-rikorrent jista' b'mod konvinċenti jilmenta li ġarrab xi leżjoni tad-drittijiet tiegħu kontra l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba miżura kawtelatorja;

14. **L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** jgħodd biss meta jkun hemm teħid imġiegħel tal-proprjeta'. Tassew sabiex wieħed ikun jista' jitkellem dwar teħid imġiegħel, persuna trid tiġi mneżża' minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjeta' bħal meta jkun hemm ordni ta' esproprijazzjoni, jew ordni ta' konfiska. Pero' dan mhuwiex il-każ hawnhekk, għaliex bl-applikazzjoni tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrent ma tilifx għal kollox il-jeddijiet kollha tiegħu fuq il-ġid inkwistjoni. Parti minn ġidu ġie ffriżat sakemm ikun hemm sentenza aħħarija ta' ħtija *o meno* fil-konfront tiegħu. Sal-lum għad ma hemmx sentenza minn Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fil-konfront tiegħu għaliex il-ġuri għadu ma ġiex iċċelebrat u l-każ *Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech* **għadu ma ġiex deċiż**. Isegwi għalhekk li r-rikorrent

ma sofra minn l-ebda privazzjoni ta' ġidu u ma ġarrab l-ebda ksur tal-jedd tiegħu a tenur l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

15. Fid-dawl ta' dan kollu u tal-pre-ċitati Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponent isostni li r-rikorrent ma sofra u ma qiegħed isofri minn ebda ksur tad-drittijiet fundamentali, u li l-ordinament ġuridiku penali Malti ma huwiex leżiv għad-drittijiet fundamentali.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-abbli avukati difensuri rispettivi.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent qiegħed jitlob li din il-Qorti tiddikjara:

(1) Li l-Art. 23A tal-Kap 9 jew l-Art 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru d-dritt għal smigħ xieraq billi ma joffrux rimedju ordinarju biex jintalab it-tħassir ta' Ordni tal-Iffriżar u

(2) Li hemm ksur tad-dritt tat-tgawdija tal-possedimenti billi l-Ordni tal-Iffriżar m'hi qiegħdha sservi ebda għan leġittimu ħlief li tinfliġġi fuqu preġudizzju irrimedjabbli u sproporzjonat.

L-Avukat tal-Istat, fost difiżi oħrajn jeċċepixxi li din il-Qorti m'għandhiex tuża' s-setgħat tagħha li tara jekk hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali għaliex hemm rimedji ordinarji li r-rikorrent naqas li juża'. F'din il-kawża, għalhekk, l-allegat nuqqas ta' rimedji ordinarji mhux biss huwa kunsiderazzjoni li bħal f'kull kawża ta' din ix-xorta għandha twassal lil

din il-Qorti biex tqis jekk għandhiex tuża' d-diskrezzjoni tagħha tismax il-kawża jew le, a tenur tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, imma iktar minn hekk huwa l-bażi nnifisha tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent. Għalhekk diffiċli għall-Qorti li tiddeċiedi jekk għandhiex tiddeklina l-ġurisdizzjoni tagħha jew le mingħajr ma tidħol, almenu sa ċertu punt, fil-mertu nnifsu tar-rikors kostituzzjonali li għandha quddiemha.

Fil-qosor ħafna, l-isfond fattwali li ta lok għal din il-kawża huwa dan: Fit-30 ta' Novembru 2019 ir-rikorrent tressaq quddiem qorti struttorja mixli b'diversi reati fosthom kompliċita` fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u assoċjazzjoni ma' persuna jew persuni oħrajn biex jikkommettu delitt. Waqt din is-seduta l-prosekuzzjoni talbet il-ħruġ ta' ordni tal-iffriżar skont Art. 23A tal-Kodiċi Kriminali fuq l-assi kollha tar-rikorrent. Il-Qorti laqgħet it-talba. Dak il-ħin ma saret l-ebda oppożizzjoni mid-difiża. Lanqas saret talba skont Art. 23A(5) fil-jiem sussegwenti. Fit-18 t'Awwissu 2021 inħareġ l-att tal-akkuża li kien jikkonsisti fiż-żewġ akkużi fuq imsemmija.

Fuq talba tar-rikorrent, fit-18 ta' Ġunju 2020 il-qorti struttorja rrevokat l-effetti tal-ordni tal-iffriżar fuq l-assi li r-rikorrent kien wiret.

Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Qorti Kriminali ċaħdet talba tar-rikorrent biex l-istess ordni tiġi revokata fl-intier tagħha.

Ikkkunsidrat :

L-ewwel nett il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-ordni tal-iffriżar hix qiegħdha sservi għan **leġittimu**; u, jekk iva, hijiex waħda **sproporzjonata.**

L-għan ta' ordni bħal din huwa li jżomm mill-imputat, mixli bil-kummissjoni ta' reat rilevanti jew reat ta' ħasil ta' flus milli tiddisponi minn dawk il-flejjes jew proprjeta` li l-provenjenza u l-użu tal-istess tista' tkun ġejja minn attivita` kriminali, u dan fl-interess tal-kollettivita`. Huwa għalhekk deterrent qawwi kontra l-kriminalita`. Bla dubju l-għan huwa wieħed **leġittimu.** Ir-rikavat m'hemmx għalfejn ikun ġej direttament mir-reat rilevanti, tant li jista' jkun kwalunkwe vantaġġ ekonomiku jew benefiċċju ieħor derivat direttament jew indirettament minnu.[2] Is-suspett kostanti fl-investigazzjoni tal-qtil ta' Caruana Galizia hu li l-motiv kien biex tiġi eliminata qabel tikxef storja ta' korruzzjoni relatata mal-proġett tal-Electrogas li fih kien involut ir-rikorrent.

Imiss għalhekk jiġi stabbilit jekk ir-rimedju huwiex wieħed **sproporzjonat**. Ordni tal-iffriżar mhix intenzjonata bħala forma oħra ta' piena jew kastig. Hija sempliċiment miżura ta' natura kawtelatorja ekwivalenti għal mandati kawtelatorji fid-dritt ċivili. Għalhekk kemm jista' jkun trid tkun limitata għar-rikavat preżunt minn reat rilevanti, u mhux iktar minn hekk. L-iffriżar tal-assi min-natura tiegħu jġib ċertu dannu, u għalhekk id-dannu mġarrab m'għandu qatt ikun iktar estensiv minn dak li hu inevitabbli. Saħansitra wkoll dawk l-assi li jiġu ffriżati m'għandhiex issirilhom ħsara bla bżonn. Hekk per eżempju kumpanniji kummerċjali m'għandhomx jingħalqu jekk jistgħu jiġu amministrati minn terza persuna mingħajr ma jiġu sparpaljati. Il-Qorti tqis iżda li l-ordni tal-iffiriżar ma tinħariġx mill-organi eżekuttivi tal-Istat u hija soġġetta għas-

[2] Art. 3 Kap 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

sorveljanza u reviżjoni kontinwa mill-Qorti, anke jekk din ma tistax tneħħiha għal kollox wara l-istadju inizjali tal-proċess.

Għalkemm ma nġiebet l-ebda prova dwar l-assi tar-rikorrenti, huwa fatt magħruf f'pajjiżna li Jurgen Fenech huwa wieħed mill-iktar persuni sinjuri fil-gżira, u li għandu bosta negozji leġittimi. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, għandu jiġi kkunsidrat kemm dawk l-assi li akkwista qabel il-proġett tal-Electrogas jistgħu għandhom x'jaqsmu, direttament jew indirettament, mar-reati li qiegħed jiġi akkużat bihom, u għalhekk jekk għandhomx ikunu soġġetti għal ordni tal-iffriżar. Assi li ġew akkwistati wara għandhom jiġu kkunsidrati fuq il-merti tagħhom.

Stabbilita bla ebda dubju l-leġittimita` tal-iffriżar, huwa fil-kwadru tal-proporzjonalita` li l-ilment l-ieħor ta' nuqqas ta' rimedji mogħtija mil-liġi ordinarja jrid jiġi meqjus. Huwa minnu li fil-bidu ġew iffriżati l-assi kollha tar-rikorrent. B'danakollu l-Art. 23A(5) stess imsemmi mir-rikorrent jagħtih rimedju li fi żmien tlett ijiem tax-xogħol jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tagħha. Rimedju li r-rikorrent għażel li ma jużax. Jgħid li dan mhux rimedju xejn għax f'dak l-istadju aktarx ma jkunux bdew jinstemgħu l-provi. B'danakollu, l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti filli r-reati konnessi mal-omiċidju fihom infushom ma jistgħux iġibu rikavat. Argument li seta' jġibu quddiem il-Qorti Kriminali independentement mill-provi.

Barra minn hekk, ir-rikorrent kellu rimedju ieħor – dak li jitlob it-tnaqqis tal-beni maqbudin bl-ordni tal-iffriżar – li seta' u għadu jista' jġib quddiem il-Qorti ordinarja. Rimedju li talab u kiseb rigward il-beni ġejjin għandu minn wirt. Rimedju li m'għandux jingħata minn din il-Qorti kemm-il darba jingħata mill-Qorti Kriminali li hija l-organu

ġudizzjarju ffakultizzat mil-leġislatur għal dan l-iskop u li hija f'qagħda aħjar minn din il-Qorti li tistabbilixxi liema proprjeta` setgħet tikkonsisti f'rikavat fis-sens tal-liġi u liema le.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tiċħad l-ewwel erba' talbiet tar-rikorrent ħlief għal dak li sejjer jingħad fit-tieni kap.

(2) Tiddiriġi lir-rikorrent biex jekk irid juża r-rimedju ordinarju fuq imsemmi, biex ikunu jistgħu jiġu sodisfatti l-kriterji ta' proporzjonalita` suġġeriti f'din is-sentenza.

Jibqa' bla mittiefes kwalunkwe dritt tar-rikorrent biex jerġa' jirrikorri għal din il-Qorti kemm-il darba d-dritt tiegħu għal proporzjonalita` ma jiġix sodisfatt.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA